# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, il-Gimgha, 17 ta' Marzu, 2023

Kawza Nru: **26**

Rikors Nru: **919/2021 ISB**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino (K.I. 555482M) bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta estera Integral Petroleum SA, soċjeta reġistrata fl-Isvizzera bin-numru ta' reġistrazzjoni CHE-114.480.291 u b'indirizz ta' 6, Rue de la Confederation 1204, Geneva fl-Isvizzera**

**vs**

**Melars Group Limited (C73465)**

**DIGRIET MOGHTI FIL-MIFTUH** ghar-Rikors tas-socjeta` Melars Group Limited (C-73465) tal-11 ta' Ottubru 2022 mressaq ai termini tal-Artikolu 231 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors tas-socjeta` Melars Group Limited tal-11 ta' Ottubru 2022;

Rat ir-Risposta tas-socjeta` estera rikorrenti tal-11 ta' Jannar 2023;

Rat id-Digriet taghha tal-14 ta' Ottubru 2022;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors thalla ghall-llum ghad-digriet li ghandu jinghata fil-miftuh;

**Ikkunsidrat**:

Illi s-socjeta` intimata Melars Group Limited tirreferi ghas-sentenza in parte ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2022 li biha giet deciza il-hames eccezzjoni mressqa mill-istess socjeta` intimata (hawnekk rikorrenti) rigwardanti r-Regolament 3(1) u (2) tal-Ligi Sussidjarja 386.24, u bl-applikabbilita' tal-Artikolu 231 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, hija ressqet l-odjern rikors sabiex din il-Qorti takkorda l-permess ta' appell mill-imsemmija decizjoni.

Illi l-**Artikolu 231 tal-KAP 12** ighid espressament hekk:

> *(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:*
> *Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ.*
>
> *(2) Meta jkun hemm azzjoni li tkun tinvolvi iktar minn attur wieħed jew iktar minn konvenut wieħed, sentenza li taqta' l-azzjoni dwar xi attur jew konvenut partikolari jista' biss isir appell minnha fiż-żmien stabbilit li jibda jitqies mill-jum ta' dik is-sentenza.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel xejn jinghad illi dan ir-rikors sar entro l-perjodu ta' sitt'ijiem koncessi mill-ligi.

Issa, kif gja esprimew il-Qrati taghna[1],

> *Illi l-liġi (Art. 231(1) Kap 12) ma tagħti l-ebda ħjiel abbażi ta' liema kunsiderazzjonijiet il-Qorti għandha tilqa' jew tiċħad talba għall-appell qabel tiġi ppronunzjata s-sentenza finali. Evidentement il-leġislatur qiegħed jafda fl-għaqal u l-bon sens tal-ġudikant billi jħallih ħieles biex jikkunsidra ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Naturalment din id-diskrezzjoni trid tiġi eżerċita fl-ambitu tal-għan aħħari, jew overriding objective tal-leġislatur, meta ssostitwixxa dan l-artiklu fis-sena 1995 u emendah fis-sena 2005, li ma jsirux appelli minn sentenzi in parte b'mod li jtawwlu s-smiegħ tal-kawżi bla bżonn, kif sfortunatament kien qiegħed jiġri ta' spiss fil-prattika tal-foro.*

Tqis illi hija kienet cara fid-decizjoni taghha, u konsistentament f'decizjonijiet simili ghal din hija dejjem qalet illi l-iskop li ghalih saret il-Ligi Sussidjarja 386.24 illum ma ghadux

[1] 573 /2018GM **Paul Gauci f'ismu proprju u għan-nom Tas-Soċjeta` E & G Properties Limited vs Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, f'isem is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali** 31 t'Ottubru, 2019

aktar rilevanti, tant illi bicciet ta' legislazzjoni simili ghal dik, ossia, sospensjoni ta' termini minhabba l-eqqel tal-pandemija Covid-19, kollha tnehhew. Jibqa' l-fatt pero` illi din il-ligi ghadha *in vigore* u huwa ghalhekk legittimu illi intimat iqajjem din l-eccezzjoni.

Tqis illi hija ghandha diskrezzjoni sabiex tippermetti l-andament ta' tali proceduri mressqa ai termini tal-Artikolu 218 tal-KAP 386 kif anke stipulat fir-regolament nniffishom, u tali diskrezzjoni, l-Qorti tqis illi ezercitata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gusitizzja.

Tqis ukoll illi mid-decizjoni tal-5 ta' Ottubru 2022 sar rikors iehor mis-socjeta` intimata, sabiex issir korrezzjoni jew tibdil f'certi partijiet tal-istess sentenza, liema rikors gie parzjalment milqugh kif degretat illum stess.

Tqis ukoll illi appell minn din id-decizjoni jwassal biss ghal dilungar tal-proceduri, li fin-natura taghhom ma ghandhomx itulu inutilment sabiex ma jkunx hemm possibbli pregudizzju ghal kredituri u/jew il-kumpannija nniffisha.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn moghtija, il-Qorti qed tghaddi biex **tichad** it-talba kontenuta fir-rikors ta' Melars Group Limited tal-11 ta' Ottubru 2022.

Bl-ispejjes rizervati ghall-gudizzju finali.

| | |
|---|---|
| Onor. Ian Spiteri Bailey | Marisa Bugeja |
| Imhallef | Deputat Registratur |